MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 86/2019 LM

**GasanMamo Insurance Limited, numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija C3143 u Thomas Smith Insurance Agency Limited, C 5637 bħala aġenta ta' GasanMamo Insurance Limited,**
**flimkien mal-assigurat tagħhom Saviour Gatt**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**Elmo Insurance Limited**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (numru tar-reġistrazzjoni C 3143)** u **Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 5637) bħala aġenta ta' GasanMamo Insurance Limited, u l-**

**assigurat tagħhom Saviour Gatt (K.I. numru 71045M)**, (minn issa 'l quddiem "l-appellanti"), mil-lodo arbitrali mogħti fl-20 ta' Novembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda illi:

*"(1) Is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex interess ġuridiku biżżejjed biex tippromwovi dawn il-proċeduri, stante illi jirriżulta li dan sar bi ksur tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant jillibera lis-soċjetà intimata mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess soċjetà rikorrenti;*
*(2) L-inċident awtomobilistiku tat-13 ta' Diċembru 2016 seħħ b'tort imputabbli lix-xufier tas-soċjetà intimata, Raphael Degiorgio;*
*(3) Konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti Saviour Gatt waħdu l-ammont ta' €55.00, bl-imgħax dekorribbli mit-2 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*
*(4) Jibqa' impreġudikat għas-soċjetà intimata kull dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-assigurat tagħha u/jew ix-xufier relattiv Raphael Degiorgio in vista ta' dan il-lodo.*

*L-ispejjeż ta' din l-istanza qegħdin jiġu determinati fil-kwoti ta' terz favur ir-rikorrenti, u żewġ terzi favur is-soċjetà intimata, u dan bħala riflessjoni ta' dak kollu hawn fuq deċiż."*

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrenti kienu pproċedew bl-intavolar ta' proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju wara inċident stradali li seħħ fit-13 ta' Diċembru, 2016, bejn il-vettura (*trailer*) bin-numru ta' reġistrazzjoni CQZ 325 assikurata mas-soċjetà intimata, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBD 264 proprjetà tar-rikorrent Saviour Gatt. Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-assikurat tas-soċjetà intimata huwa responsabbli għall-

inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, jikkundanna lis-soċjetà intimata għall-ħlas totali ta' ħames mija u sitta u sittin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€566.78) konsegwenza tad-danni sofferti mir-rikorrenti, kif ukoll tikkundanna lill-intimata għall-ħlas tal-istess u tad-drittijiet u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-imgħaxijiet legali. L-inċident inkwistjoni seħħ fit-13 ta' Diċembru, 2016, fil-viċinanzi tar-*roundabout* li hemm wara l-Malta International Airport, meta l-vettura misjuqa minn Saviour Gatt intlaqtet mill-vettura li kienet assikurata mas-soċjetà intimata u li fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tinstaq minn ċertu Raphael Degiorgio. Mill-provi li nstemgħu quddiem it-Tribunal, irriżulta li Raphael Degiorgio ma kellux liċenzja biex isuq il-vettura li kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident, u għalhekk ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegaw li s-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited hija aġenta tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, u din ġiet surrogata fil-jeddijiet ta' Saviour Gatt kemm *ai termini* tal-polza kif ukoll bis-saħħa tal-liġi.

Min-naħa tagħha is-soċjetà intimata wieġbet li huwa minnu li fit-13 ta' Diċembru, 2016, seħħ inċident fil-Gudja bejn il-vettura misjuqa minn Saviour Gatt u vettura assikurata mal-intimata. Ġie eċċepit li s-sewwieq tal-vettura assikurata mal-intimata ma kellux liċenzja tas-sewqan valida għal dik il-kategorija ta' vetturi, u għalhekk dan ma kienx kopert bil-polza tal-

assikurazzjoni. Is-soċjetà intimata qalet li f'dawn iċ-ċirkostanzi hija tista' tintalab tħallas id-danni *ai termini* tal-Kap. 104, bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assikurat tagħha u/jew is-sewwieq Raphael Degiorgio. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li r-rikorrenti għandhom iressqu prova tas-surroga *ai termini* tal-liġi, flimkien mal-aħjar prova li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament tort tas-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà intimata. Ġie eċċepit ukoll li r-rikorrenti għandhom iressqu prova tad-danni subiti minnhom.

Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-inċident ma seħħx tort tas-sewwieq tal-vettura assikurata magħha u għalhekk hija m'għandhiex tiġi ddikjarata responsabbli għall-ħlas tad-danni. Qalet ukoll li Raphael Degiorgio ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni li biha kienet koperta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CQZ 325.

4. It-Tribunal sema' diversi xhieda, fosthom lil **Charles Cauchi,** *freelance surveyor* li spjega li huwa ġie inkarigat minn Elmo Insurance Limited sabiex jeżamina l-vettura tal-għamla Kia Schuma bin-numru ta' reġistrazzjoni KBD 264, li kellha daqqa fuq wara, daqqa fit-*tailgate,* u daqqa żgħira fil-faċċata ta' wara u fil-*bumper* ta' wara. Ix-xhud spjega li d-danni kkawżati konsegwenza ta' dan l-inċident jammontaw għal €596.38, li jinkludu erbat ijiem *loss of use* tal-vettura. Ir-rikorrent **Saviour Gatt** spjega li huwa kien għadu kif ħareġ mill-Ajruport ta' Malta, meta xħin wasal viċin l-ewwel *roundabout* wara l-Ajruport, ħass daqqa fuq wara tal-vettura misjuqa minnu. Qal li l-inċident kien ikkawżat minn *trailer* tal-AVIS li kien mess miegħu, u wara l-ħabta is-sewwieqa taż-żewġ

vetturi kienu mlew il-formuli tal-*front to rear* mingħajr ma tkellmu bejniethom. Gatt qal li d-danni sofferti minnu tħallsu minn Thomas Smith Insurance Agency Limited. Ix-xhud **George Stagno Navarra**, *court representative* tas-soċjetà Elmo Insurance Limited, xehed li l-vettura li kienet qiegħda tinstaq minn Raphael Degiorgio kienet vettura tal-għamla Renault Transporter assigurata f'isem ċertu Jason Aquilina. Dan ix-xhud qal li l-kopertura assikurattiva ma kinitx tkopri lix-xufier involut fl-inċident minħabba li dan ix-xufier kellu liċenzja li tippermettilu jsuq biss trakkijiet sa 7.5 tunnellati, filwaqt li t-trakk li kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident kien jiflaħ 18-il tunnellata. **Raphael Degiorgio,** ix-xufier li kien qiegħed isuq it-*transporter* inkwistjoni, xehed li lilu ħadd ma qallu li ma setax isuq it-*trailer* inkwistjoni.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fl-20 ta' Novembru, 2019, it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tippromwovi dawn il-proċeduri, li l-ħtija tal-inċident awtomobilistiku tat-13 ta' Diċembru, 2016 hija tax-xufier tal-vettura assigurata mas-soċjetà intimata, Raphael Degiorgio, u konsegwentement iddeċieda li s-soċjetà intimata għandha tħallas lir-rikorrent Saviour Gatt waħdu l-ammont ta' ħamsa u ħamsin Euro (€55.00), bl-imgħax dekorribbli mit-2 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li stabbilixxa wkoll li d-dritt ta' rivalsa tas-soċjetà intimata fil-konfront tal-assigurat tagħha u/jew ix-xufier relattiv Raphael

Degiorgio jibqa' impreġudikat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"F'każijiet fejn jintalbu danni akwiljani, bħal ma hi din il-vertenza, it-tort li jwassal għall-kundanna ta' ħlas ta' danni jiġi stabbilit meta l-*causa prossima *tal-inċident li wassal għad-danni lamentati tiġi stabbilita. Jistgħu jkunu hemm diversi fatturi li meta jintwieżnu, jistgħu jkunu influwenti jew kontribwenti dwar kif l-inċident ikun seħħ. Huwa għalhekk illi l-investigazzjoni ġudizzjarja trid tidentifika dik li setgħet kienet ir-raġuni ewlenija biex l-inċident ikun seħħ, sabiex kwalunkwe dubju dwar ir-responsabbilità, jew il-grad ta' responsabbilità relattiv, jiġi eliminat u l-vertenza ssib il-konklużjoni tagħha.*

*Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Paul Richard Cassar et vs David Caruana***[1] *ġie ritenut:*

*"Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet '****Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino****' deċiża fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi: "... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku l-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tħaris u ksur tagħhom li jaddebitaw ir-responsabbilità u mhux l-ekwità u ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li waħdu jista' jipprevjeni l-inċidenti." Ara wkoll il-kawża "Amadeo Mea vs Carmelo Vella".*

*Fattwalment jirriżulta mill-provi akkwiżiti li l-arbitraġġ de quo jittratta tamponament klassiku minn wara fl-akkwati tar-roundabout tal-Malta International Airport.*

***Ikkunsidra:***

*Minn eżami akkurat tal-provi, ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni ta' fatt dwar id-dinamika tal-inċident, u lanqas dwar ir-responsabbilità tal-inċident, nonostante l-eċċezzjoni formali tas-soċjetà intimata fejn ikkontestat ir-responsabbilità. Madanakollu, jeħtieġ li qabel xejn, jiġu sorvolati punti proċedurali mqajma mill-*

[1] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2013 (Ċit. 777/01 LSO).

*istess soċjetà intimata, u li ser jissolleva l-Arbitru* ex officio *li jistgħu jolqtu, u saħansitra joqtlu, l-azzjoni tar-rikorrenti.*

*a) Interess Ġuridiku*

*Filwaqt illi s-soċjetà konvenuta ma qajmitx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, dan huwa punt li l-Arbitru sottoskritt iħoss, fid-dawl tal-Atti, li għandu jiġi sollevat u eżaminat fuq bażi* ex officio.

*Il-ġurisprudenza nostrali hija konsistenti in kwantu l-kwistjoni tal-interess ġuridiku hija sollevabbli* ex officio, *bl-iżjed sentenza riċenti fl-ismijiet* ***Maria Vella et vs George Mangion et.***[2]

*L-Arbitru sottoskritt jagħraf illi l-azzjoni odjerna ġiet promossa minn:*

"GasanMamo Insurance Limited, u l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited, u l-assikurat tagħhom Saviour Gatt."

*Filwaqt illi ma nġiebet l-ebda prova dwar ir-relazzjoni bejn is-soċjetajiet rikorrenti, l-Arbitru irid iqis bilfors li dawn iż-żewġ soċjetajiet qegħdin jammettu, bil-mod kif l-Arbitraġġ ġie impostat, illi hemm relazzjoni ta' aġenzija bejniethom, u waħda hija għalhekk l-aġenta tal-oħra.*

*Ma hemmx dubju li r-relazzjoni bejn is-soċjetajiet rikorrenti hija waħda kummerċjali u għaldaqstant jeħtieġ analiżi tad-disposti relattivi tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-Artikolu 49 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li salv għal ftehim, liġi jew konswetudni li tipprovdi bil-kontra, id-disposti tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1861, huma applikabbli.*

*B'ħarsa, għalhekk, lejn il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 1866 jipprovdi b'mod espress u inekwivoku illi l-mandatarju ma jistax jibda proċeduri ġudizzjarji, jew jitħarrek, għan-nom tal-mandant, anke jekk ikollu tali awtorizzazzjoni,* ***meta l-mandant ma jkunx assenti minn Malta.***

*Hija l-umli fehma tal-Arbitru sottoskritt illi l-kwistjoni dwar min effettivament jista' jipproponi proċeduri ġudizzjarji hija riflessjoni effettiva tal-kwistjoni dwar min għandu effettivament l-interess ġuridiku meħtieġ għall-iskop ta' promozzjoni ta' azzjoni ġudizzjarja, bħal ma hu f'dan il-każ.*

[2] Ċit. 812/15 LSO, kif konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru 2019.

*Il-prinċipal tas-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Limited, is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited hija soċjetà reġistrata f'Malta, u kif jirriżulta mill-istess att promutur, għandha l-Head Office fi Msida Road, Gżira. Ma jistax jingħad illi l-istess soċjetà GasanMamo Insurance Limited m'għandhiex preżenza f'Malta jew li hija assenti minn dawn il-gżejjer.*

*Għaldaqstant, l-Arbitru jqis illi,* ai termini *tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Limited qatt ma messha pproponiet hi l-azzjoni odjerna, u għalhekk m'għandhiex l-interess meħtieġ biex tipparteċipa f'dawn il-proċeduri. Hija biss is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited li kellha s-setgħa, u l-interess ġuridiku meħtieġ, biex tippromwovi dawn il-proċeduri fil-konfront tas-soċjetà intimata.*

*Il-fatt waħdu li jirriżulta mill-provi li l-ħlas effettiv favur ir-rikorrent Saviour Gatt sar mis-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Ltd ma jneħħi xejn mill-fatt illi l-istess soċjetà ma setgħet qatt tippromwovi dawn il-proċeduri skont il-liġi.*

*Għall-kjarezza, l-Arbitru sottoskritt ma jirriskontrax kwestjonijiet ta' karenza ta' interess da parti tar-rikorrent Saviour Gatt, stante li l-interess tiegħu jirriżulta mir-Road Accident Report, u l-ħlas tal-excess, li ma hux kontestat in vista tal-aċċettazzjoni tal-*quantum*.*

*Dan l-episodju se jiġi kkunsidrat meta l-Arbitru se jiddetermina l-kwistjoni tal-ispejjeż.*

*b) Il-kwistjoni tas-Surroga*

*Is-soċjetà intimata rrikjediet, bħala l-ewwel eċċezzjoni tagħha, il-prova tas-surroga. Din l-eċċezzjoni hija importanti u timmerita li tiġi indirizzata qabel kull eżami fil-mertu stante li hija kapaċi toqtol l-azzjoni odjerna. Kulħadd jaf illi solitament, vettura ma tkunx proprjetà ta' soċjetà assiguratriċi, u kulħadd jaf li l-*modus operandi *f'ambitu ta' assigurazzjoni tinkludi surroga fid-drittijiet ta' sid il-vettura favur is-soċjetà assigurattiva. Madanakollu, u nonostante l-informalità ta' proċeduri arbitrali, il-prova tas-surroga tibqa' prova importanti li trid tirriżulta, altrimenti l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jitqiegħed f'dubju tant illi min jiġġudika jkollu jikkunsidra l-validità tal-proċedura kif tentata.*

*L-Arbitru jibda billi josserva li r-Road Accident Report huwa skarn minn informazzjoni dwar l-istat assigurattiv tar-rikorrent Saviour Gatt.*

*L-Arbitru josserva wkoll illi ebda rappreżentant tas-soċjetajiet rikorrenti ma ndenjaw ruħhom jixhdu dwar il-polza assigurattiva bejnhom, jew min minnhom, u r-rikorrent Saviour Gatt u l-ħlas tal-*excess*.*

*L-unika prova li nġabet fuq dan il-punt tinstab fix-xhieda tar-rikorrent Saviour Gatt meta huwa xehed:* "Il-vettura sewwejtha u ħallset kollox l-insurance. L-insurance li għamlet tajjeb għall-ispejjeż hija Thomas Smith Insurance Agency Limited. Jien ħallast l-*excess* li għandikun kien jew Euro 50 jew Euro 55."

*L-Arbitru sottoskritt iħoss li setgħu inġiebu provi aħjar u iżjed konvinċenti mis-sempliċi dikjarazzjoni tal-assigurat, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li hemm iżjed minn soċjetà assigurattiva waħda bħala rikorrenti, irrispettivament mill-fatt li huwa diġà determinat illi s-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Limited m'għandhiex interess ġuridiku biżżejjed f'dawn il-proċeduri.*

*Madanakollu, l-Arbitru ser iqis xorta waħda li r-rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiżit tas-surroga – fuq kollox filwaqt illi jirriżulta li l-ispejjeż għamlet tajjeb għalihom Thomas Smith Insurance Agency Ltd mix-xhieda tar-rikorrent Saviour Gatt, ġialadarba s-soċjetà rikorrenti l-oħra GasanMamo Insurance Limited hija l-prinċipal tal-istess, is-surroga, imqar għall-iskopijiet ta' dritt ta' azzjoni issir favur tagħha wkoll* ope legis. *Il-kwistjoni tal-ħlas tad-danni hija kwistjoni separata li għad trid tiġi determinata, kif ser jingħad iżjed 'il quddiem.*

*Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

***Ikkunsidra:***

*Kif diġà ngħad, nonostante l-eċċezzjoni formali ta' kontestazzjoni, mill-provi jirriżulta li effettivament ir-responsabbilità għall-inċident de quo hija ammessa.*

*Dan jirriżulta mix-xhieda ta' George Stagno Navarra u Raphael Degiorgio, it-tnejn prodotti mis-soċjetà intimata.*
*George Stagno Navarra xehed kif ix-xufier tal-vettura assigurata mas-soċjetà intimata stqarr, fil-mument tal-ftuħ tal-*claim *relattiv, illi "laqat il-vettura ta' quddiemu".*[3] *Da parti tiegħu, Raphael Degiorgio ikkonferma dik ix-xhieda, u xehed ulterjorment illi, "L-ieħor kien wieqaf u ma rajtux, għaliex kont aljenat. Meta missejtu kemm kemm imbuttajtu. Missejtu fuq in-naħa ta' wara."*

[3] Xhieda mogħtija fis-seduta Nru. 3 tat-28 ta' Mejju 2018.

*Jirriżulta għalhekk lill-Arbitru sottoskritt illi x-xhieda ta' Raphael Degiorgio, tikkostitwixxi ammissjoni ta' negliġenza u nuqqas ta'* proper lookout *fis-sewqan, tant ċara li ma jeħtieġx eżami ulterjuri, la fattwali u lanqas ġurisprudenzjali għal dan il-każ.*

*Għalhekk, tenut kont il-premess, il-kwistjoni tar-responsabbilità hija determinata, b'dan illi lill-Arbitru jirriżulta sodisfaċentement illi t-tort huwa attribwibbli lil Raphael Degiorgio, xufier tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta.*

***Ikkunsidra:***

*Illi risolta l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità, favur ir-rikorrenti, jonqos illi tiġi trattata l-kwistjoni dwar id-danni.*

*L-Arbitru jirrileva illi r-rikorrenti ma pproduċew ebda prova tad-danni, salv ix-xhieda tas-*surveyor *li eżamina l-vettura assigurata magħha, u dan nonostante illi l-ittra tas-27 ta' Ġunju 2017 tindika d-danni pretiżi b'mod speċifiku u preċiż.*

*L-Arbitru jinnota, madankollu li t-talba hekk kif likwidata hija inferjuri għall-istima maħruġa mis-*surveyor *tas-soċjetà intimata, Charles Cauchi, u l-istima, u x-xhieda tal-istess* surveyor*, tikkostitwixxi prova, għalkemm waħda approssimattiva.*

*Jiġi rilevat ukoll illi, nonostante l-eċċezzjoni formali tas-soċjetà intimata dwar il-ħtieġa tal-prova tad-danni, l-istess soċjetà intimata ddikjarat formalment fit-28 ta' April 2018 illi l-*quantum *ma hux kontestat. L-Arbitru sottoskritt iqis dan il-verbal bħala rinunzja għal din l-eċċezzjoni.*

*Tenut kont dan kollu, l-Arbitru sottoskritt xorta waħda ma jistax, b'kuxjenza safja, jaqbad u jakkolla l-ammont kollu pretiż favur ir-rikorrenti, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1) In-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar il-*quantum *tfisser illi s-soċjetà intimata ma hix qed tilmenta li l-valur pretiż huwa eċċessiv u ma teħtieġx ġustifikazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar l-ammont reklamat minnhom. Dan, però, ma jeżonerax lir-rikorrenti li jġibu prova li effettivament l-ammont reklamat ġie żborżjat. Il-prova li nġiebet tirriżulta mis-*survey report, *u l-konferma tagħha mis-*surveyor;

*2) Jirriżulta li għamlet tajjeb għall-ħsarat is-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Limited;*

*3) Madanakollu, l-istess soċjetà, li taġixxi* ex admissis *bħala aġenta tas-soċjetà rikorrenti l-oħra, GasanMamo Insurance Ltd., ma tistax tippromwovi l-azzjoni odjerna hi u ġiet estromessa minn dawn il-proċeduri;*
*4) L-Arbitraġġ odjern seta' jiġi propost biss mill-prinċipal, GasanMamo Insurance Limited, iżda in vista tal-fatt li jirriżulta li l-ħlas sar mill-aġent tagħha, teħtieġ prova li l-istess prinċipal jew għadda l-flus hu biex il-ħlas isir mill-aġent, jew inkella li dak li ħallas l-aġent effettivament ġie rimborsat. L-Arbitru m'għandux jidħol fi kwalunkwe arranġament intern li jista' jkun hemm bejn il-prinċipal u l-aġent;*
*5) Din l-aħħar prova hija nieqsa. Għall-Arbitru, jirriżulta biss li sar ħlas mas-soċjetà rikorrenti Thomas Smith Insurance Agency Limited li, kif ingħad, ma setgħetx tippromwovi dawn il-proċeduri. Il-prova relattiva messha saret mir-rikorrenti.*

*Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi li għamlet tajjeb effettivament, u finalment, is-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Agency Limited għad-danni sofferti mir-rikorrent Saviour Gatt, l-Arbitru huwa kostrett illi jilqa' d-danni pretiżi biss in parte, u dan biss sa fejn jirriżulta l-*excess *imħallas mir-rikorrent Saviour Gatt, li huwa ċert li ma hux kontestat.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru sottoskritt qed jillikwida d-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà intimata fl-ammont ta' €55, kif indikat (għalkemm b'mod approssimattiv) fix-xhieda tal-istess rikorrent Saviour Gatt.*

*L-Arbitru sottoskritt jikkonkludi billi jgħid illi, b'referenza għar-Risposta tas-soċjetà intimata, filwaqt illi lanqas ma hu kompitu tiegħu jidħol fi kwestjonijiet kuntrattwali bejn is-soċjetà intimata, l-assigurat tagħha, u x-xufier relattiv, naturalment jibqa' impreġudikat kull dritt ta' rivalsa in virtù ta' dan il-lodo, u anke in virtù ta' proċeduri oħra li jistgħu jiġu talvolta intavolati fil-konfront tagħha in virtù ta' dan il-Lodo, skont il-Liġi, jekk l-istess soċjetà intimata jidhrilha xieraq teżerċita tali dritt.*

***Ikkunsidra:***

*Ir-rikorrenti jippretendu l-imgħax, li skont huma għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-arbitraġġ sad-data tal-pagament effettiv.*

*Illi kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Citadel Insurance plc vs Johann Ciantar***[4]*, ġie ritenut illi:*

[4] Deċiża mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ġunju 2002 (Ċit. 303/01 JRM)

> *"Hija wkoll il-fehma tagħha li meta talba għall-ħlas ta' danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel ma jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att ġudizzjarju (jekk ikun sar) u mhux minn dakinhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont (ara Kum. 15.1.1952) fil-kawża fl-ismijiet* ***Buttigieg vs Said*** *(Kollez. Vol. XXXVI.iii.599) u App. Ċiv. 12.201980 fil-kawża fl-ismijiet* ***May Boffa vs Stella Camilleri.****"*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***John Galdes noe vs Godwin Abela noe*** *intqal:*

> *"Kif rilevat f'numru ta' deċiżjonijiet "una volta s-soċjetà konvenuta kienet qed tikkontesta r-responsabbilità għall-ħlas ta' dan l-ammont, hu ġust li, bl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, l-imgħaxijiet jitħallsu minn dakinhar li l-interpellazzjoni uffiċjali għall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri tal-Att taċ-Ċitazzjoni." (****Formosa & Camilleri Ltd noe et vs Sea Malta Company Limited,*** *Appell, 12 ta' Ġunju 2000)."*

*Ir-rikorrenti għalhekk m'għandhomx raġun jippretendu li l-imgħax mid-data tal-* ***preżentata*** *tal-arbitraġġ. Il-ġurisprudenza nostrali hija ċara li l-imgħax fi kwistjonijiet ċivili ta' natura akwiljana jiddekorru mis-sejħa għall-ħlas tal-ammont likwidat.*

*Mill-atti, jidher li r-rikorrenti intavolaw ittra uffiċjali, bin-numru 2437/17 u li ġiet intavolata fil-5 ta' Settembru 2017. Tali ittra uffiċjali tantiċipa l-preżentata ta' dawn l-Atti, u jekk jirriżulta li l-pretensjoni tar-rikorrenti ġiet likwidata, allura l-imgħax kollu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-istess.*

*Madanakollu, l-Arbitru josserva li r-rikorrenti intavolaw biss kopja informali ta' dik li għandha tkun l-imsemmija ittra uffiċjali, fejn filwaqt illi l-ammont huwa tassew likwidat, minn imkien ma jirriżulta prova tal-preżentata tagħha, aħseb u ara tan-notifika tagħha. Għalhekk, l-Arbitru ma jistax jistrieħ fuq dan id-dokument u jqis li l-ewwel sejħa informali għall-ħlas, b'ammont likwidat seħħet man-notifika tal-Avviż u Talba odjerni, li mill-atti jirriżulta li seħħet fit-2 ta' Novembru 2017.*

*Għaldaqstant, l-Arbitru se jordna fil-parti dispożittiva ta' dan il-Lodo illi l-imgħax jibda jiddekorri mit-2 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

***Decide:***

*Għal dawn il-motivi, l-Arbitru qiegħed jaqta' u jiddeċiedi illi:*

*1) Is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex interess ġuridiku biżżejjed biex tippromwovi dawn il-proċeduri, stante illi dan sar bi ksur tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant jillibera lis-soċjetà intimata mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess soċjetà rikorrenti;*
*2) L-inċident awtomobilistiku tat-13 ta' Diċembru 2016 seħħ b'tort imputabbli lix-xufier tas-soċjetà intimata, Raphael Degiorgio;*
*3) Konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti Saviour Gatt waħdu l-ammont ta' €55.00, bl-imgħax dekorribbli mit-2 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*
*4) Jibqa' impreġudikat għas-soċjetà intimata kull dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-assigurat tagħha u/jew ix-xufier relattiv Raphael Degiorgio in vista ta' dan il-Lodo.*

*L-ispejjeż ta' din l-istanza qegħdin jiġu determinati fil-kwoti ta' terz favur ir-rikorrenti, u żewġ terzi favur is-soċjetà intimata, u dan bħala riflessjoni ta' dak kollu hawn fuq deċiż.*

*Għall-preċiżjoni, u sabiex ma jkun hemm bżonn ebda interpretazzjoni ta' din il-parti dispożittiva ta' dan il-Lodo Arbitrali, l-ispejjeż għandhom jinqasmu wara li ssir ir-ratizzazzjoni tal-ispejjeż – l-ewwel jingħaddu, imbagħad jinqasmu 1/3:2/3, u l-partijiet jaraw min għandu jieħu u min għandu jagħti."*

## **<u>Ir-rikors tal-appell</u>**

6. Ir-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-2 ta' Diċembru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tvarja l-lodo arbitrali mogħti fl-20 ta' Novembru 2019 fil-proċeduri tal-arbitraġġ hawn fuq riferit billi:*
1. *Tikkonfermah in kwantu l-intimata ġiet ikkundannata tħallas lil Saviour Gatt is-somma ta' €55 flimkien mal-imgħaxijiet fuq din is-somma b'effett mit-2 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*

2. *Tħassar u tirrevoka l-konklużjonijiet u deċiżjonijiet l-oħra kollha raġġunti mill-arbitru u minflok tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti billi tikkundanna lis-soċjetà intimata li tħallas l-ammont ta' €511.78 lil GasanMamo Insurance Limited flimkien*

*mal-imgħaxijiet fuq din is-somma b'effett mit-2 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, u dan bl-ispejjeż kollha tal-proċedura arbitrali.*

*Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess soċjetà intimata."*

7. L-appellanti jgħidu li huma jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba li: (i) mhux leċitu għall-ġudikant li jmur oltre dak mitlub mill-attur/i fil-kawża tagħhom, u lanqas illi jissolleva eċċezzjonijiet illi ma jkunux ġew issollevati mill-parti intimata fin-nota tal-eċċezzjonijiet formali tagħha; (ii) it-Tribunal ma setax iqajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku *marte proprio,* u minkejja li l-kwistjoni tal-interess ġuridiku hija waħda ta' ordinament pubbliku, f'dan il-każ ir-rikorrenti kellhom jiġu mgħarrfa bil-preokkupazzjonijiet tal-ġudikant sabiex ikunu jistgħu jirribattu għalihom. F'dan ir-rigward, l-appellanti jsostnu li l-konklużjoni tat-Tribunal għandha tiġi annullata, u din il-Qorti għandha jew tagħżel li tibgħat l-atti lura liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta sabiex dan jassenja l-proċeduri lil arbitru differenti minn dak li ħa din id-deċiżjoni; jew li tiddeċiedi dwar dan il-punt hija stess wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom fuq dan il-punt; (iii) l-Arbitru ma kienx korrett meta kkonkluda li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tipproċedi bil-proċeduri tal-arbitraġġ, u anki f'każ li jiġi stabbilit li s-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tipproċedi b'dawn il-proċeduri, xorta waħda jifdal l-interess ġuridiku ta' GasanMamo Insurance Limited li jilleġittima l-proċediment mibdi mir-rikorrenti. L-appellanti żiedu jgħidu li kemm fit-termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet

ta' Malta, kif ukoll fit-termini tal-atti leġiżlattivi kollha li jirregolaw in-negozju tal-assikurazzjoni, il-kumpanniji tal-assikurazzjoni u l-aġenti tal-assikurazzjoni, is-surroga fid-drittijiet tal-assikurat dejjem issir favur il-kumpannija assikuratriċi u qatt favur l-aġent tal-assikurazzjoni, jew favur xi entità oħra. Intqal ukoll li f'dan il-każ, għalkemm il-ħlas tal-ispejjeż tat-tiswijiet saru minn Thomas Smith Insurance Agency Limited, dan il-ħlas sar fl-interess ta' GasanMamo Insurance Limited, u hija din il-kumpannija li hija intitolata għar-riżarċiment tal-ispejjeż inkorsi. L-appellanti saħqu li l-preżenza ta' Thomas Smith Insurance Agency Limited fil-kawża hija meħtieġa għal skopijiet ta' integrità tal-ġudizzju, u anki f'każ li jirriżulta li din is-soċjetà ma kellhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tipparteċipa f'dawn il-proċeduri, is-soċjetà GasanMamo Insurance Agency Limited ma kellhiex tiġi żvestita mill-interess ġuridiku fil-proċeduri mibdija; (iv) l-appellanti jgħidu wkoll li l-Arbitru mhux korrett meta jgħid li ma saritx il-prova tad-danni, u dan minħabba li s-soċjetà intimata kienet iddikjarat f'waħda mis-seduti li l-*quantum* tad-danni ma kienx qiegħed jiġi kkontestat minnha. L-appellanti spjegaw li ladarba sar dan il-verbal, huma ġew eżentati mill-ħtieġa li jressqu provi ulterjuri dwar il-*quantum* tad-danni u dwar il-ħlas tad-danni, u kien għalhekk li huma ddeċidew li ma jressqux tali provi sabiex jevitaw li jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż marbuta ma' tali provi u għal seduti li ma kinux meħtieġa. F'dan ir-rigward l-appellanti żiedu jgħidu li flimkien mal-formula tal-arbitraġġ, huma ppreżentaw kopja tas-*survey report* li sar mis-soċjetà intimata, fejn id-danni ġew ikkwantifikati fl-ammont ta' €569.38, filwaqt li l-ammont mitlub minnhom huwa saħansitra

inqas minn dan l-ammont (€566.78), u flimkien mal-formoli tal-arbitraġġ huma ppreżentaw ukoll żewġ irċevuti fiskali, flimkien ma' rendikont dettaljat dwar kif intlaħaq dan l-ammont; (v) l-appellanti żiedu jgħidu li f'każ li l-aggravji tagħhom jiġu milqugħa, huma m'għandhom isofru l-ebda spejjeż; (vi) l-appellanti qalu wkoll li l-Arbitru ma kienx korrett fil-kummenti tiegħu dwar id-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet fuq id-danni sofferti minnhom.

**Ir-risposta tal-appell**

8. Fir-risposta tal-appell ippreżentata minnha, is-soċjetà appellata wieġbet li l-kwistjoni tal-interess ġuridiku f'kawża hija kwistjoni ta' ordinament pubbliku u għalhekk hija sollevabbli f'kull stadju tal-proċeduri, inkluż fi stadju ta' appell, u hija kwistjoni tant serja li tista' tiġi sollevata mill-Qorti *ex officio.* F'dan ir-rigward l-appellata ċċitat deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li l-interess ġuridiku dirett, leġittimu u attwali f'kull min jipproponi azzjoni jrid jiġi mħares bis-solennità proċedurali kollha, anki jekk ma jiġix sollevat mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju. Is-soċjetà appellata sostniet ukoll li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li tilqa' l-appell odjern u li tibgħat l-atti lura liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, il-Qorti għandha tordna li dawn għandhom jiġu assenjati lil arbitru differenti minn dak li ta l-lodo arbitrali li minnu qiegħed isir dan l-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti in vista tar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru.

*L-Ewwel Aggravju:* *mhux leċitu għall-ġudikant li jmur oltre dak mitlub mill-attur/i fil-kawża tagħhom, jew li jissolleva eċċezzjonijiet li ma jkunux ġew sollevati mill-parti konvenuta fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha*

10. L-appellanti jilmentaw li l-Arbitru qajjem il-kwistjoni tal-interess ġuridiku ta' waħda mis-soċjetajiet rikorrenti *a sua sponte* fil-parti deċiżiva tal-lodo tiegħu, u mingħajr ma ta ċans lill-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet tagħhom dwar dan il-punt. Il-Qorti tirrileva li huwa prinċipju paċifiku fil-liġi proċedurali tagħha li l-interess ġuridiku jrid ikun dirett, leġittimu u attwali, u l-kwistjoni tal-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa ta' importanza tali li tista' titqajjem minn ġudikant *ex officio*. F'sentenza fl-ismijiet **Wing Commander James Maxwell Watson *vs.* Leonardo Sacco et**[5], il-Qorti qalet illi:

> "… l-interess jingħad li hu dirett meta jkun personali jew tal-persuna rappreżentata, ċioe meta jappartjeni lill-bniedem proprjo jew membru tas-soċjetà barra mill-każijiet eċċezzjonali tal-azzjoni popolari. Jingħad 'leġittimu' meta huwa konformi għad-dritt ta' min ikun għamel il-kawża, u ma jridx jeċċedi jew joħroġ mill-miżura tad-drittijiet tal-persuna li tkun qiegħda taġixxi sabiex jidħol u jinvadi l-isfera ta' drittijiet ta' ħaddieħor. Fl-aħħarnett, l-interess irid ikun attwali, u ċioe jrid jeżisti fil-

[5] P.A., 20.01.1950.

> mument meta tiġi proposta l-azzjoni, ċioe jrid jirrigwarda l-preżervazzjoni ta' dritt li jkun diġà jeżisti, anki jekk dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kondizzjonijiet jew ikun jirrigwarda anke danni eventwali."

Il-Qorti tqis li minkejja li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku hija kwistjoni li tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża, inkluż mill-Qorti *ex officio,* madanakollu din m'għandhiex titqajjem fi stadju tal-proċeduri fejn il-parti l-oħra ma tkunx tista' topponi għaliha. Din ċertament mhijiex kwistjoni li għandha titqajjem mill-Qorti fil-parti deċiżiva tas-sentenza tagħha, fl-istadju meta d-dibattiment proċesswali jkun ingħalaq. Fis-sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited *vs.* Raymond Azzopardi**[6], il-Qorti spjegat ir-raġunijiet għalfejn kwistjoni bħal din lanqas m'għandha titqajjem f'nota ta' sottomissjonijiet jew fit-trattazzjoni finali li ssir mill-partijiet:

> "Jinsab provdut fl-Art. 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eċċezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jingħataw f'nota tal-eċċezzjonijiet jew f'risposta skont il-każ. Strettament għalhekk l-eċċezzjonijiet li ma jingħatawx, skont kif hawn preskritt, ma jistgħux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali għaliex altrimenti l-Qorti ma tiddeċidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXV p.I p. 410 u Vol. XXXVIII p.II p. 583). Il-kwistjoni tal-interess ġuridiku kellha titqajjem *ope exceptionis* in kwantu din fis-sustanza vera tagħha hi ta' indoli proċedurali u preliminari li ma setgħetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proċeduri. Kif drabi oħra rilevat "la buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-aċċettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, tal-ekonomija taż-żmien, u l-ispejjeż tal-partijiet u lanqas l-użu sewwa tal-Ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk." (Kollez. Vol. XLIX p.I, p. 138).

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet m'għandhomx jiġu maħsuda b'eċċezzjoni bħal din fl-aħħar mumenti tal-kawża u m'għandhomx jiġu a konoxxenza tagħha proprju

[6] App. Inf (Ċiv), 25.02.2004.

meta tkun qiegħda tinqara s-sentenza mill-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Kevin Chircop *vs.* Joseph Chircop**[7], fejn il-Qorti għamlitha ċara li l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha tkun sorpriża b'eċċezzjoni bħal din, waqt stadju inoltrat tal-kawża, u partikolarment mhux waqt il-qari tas-sentenza:

> "Issa ma hemmx dubju li l-Ewwel Qorti, bħal, del resto anke din il-Qorti tal-Appell, setgħet tqajjem *ex officio* il-kwestjoni tal-karenza ta' interess ġuridiku fl-attur … Il-mistoqsija li trid issir fil-każ odjern, però hija s-segwenti: meta tali kwistjoni titqajjem *ex officio* (u għalhekk meta ma tkun ġiet mogħtija la espressament u lanqas impliċitament mill-konvenut, jew mill-attur fil-każ ta' kontro-talba) din tista' titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza u mingħajr ma l-partijiet (speċjalment il-parti li eventwalment tkun ser tiġi direttament milquta negattivament b'dik l-eċċezzjoni) jkollhom l-opportunità li jfissru l-fehma tagħhom dwar l-istess kwistjoni? Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan il-punt u hi tal-fehma li meta tali eċċezzjoni tiġi sollevata *ex officio* mill-Qorti, din għandha tagħti l-opportunità lill-partijiet li jesprimu l-fehma tagħhom qabel ma tippronunzja s-sentenza (b'mod għalhekk, li jekk il-kawża tkun ġiet differita għas-sentenza, il-Qorti għandha tissospendi l-prolazzjoni tagħha biex tagħti l-imsemmija opportunità lill-partijiet)."

Din il-Qorti hija tal-istess ħsieb. L-ebda parti f'kawża m'għandha tiġi pprivata mill-opportunità li tqajjem difiża xierqa għall-allegazzjonijiet, it-talbiet u l-eċċezzjonijiet li jingħataw mill-parti opposta, u għalhekk ċertament li m'għandhiex tkun il-Qorti li fil-mument li qed tagħti d-deċiżjoni tagħha li ċċaħħad lil xi parti jew oħra minn dan id-dritt. Din il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat u sejra tilqgħu.

---

[7] Q.A., 01.12.2006.

*It-Tieni Aggravju:* *l-Arbitru ma setax iqajjem l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku* marte proprio

11. Il-Qorti tqis illi minkejja li l-Arbitru seta' jqajjem eċċezzjoni dwar il-karenza l-interess ġuridiku ta' xi parti jew oħra *ex officio,* madanakollu dan ma kellux isir waqt il-qari tad-deċiżjoni finali tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija diġà, u għalhekk it-tieni l-aggravju huwa mistħoqq u qiegħda tilqgħu wkoll.

*It-Tielet Aggravju:* *l-Arbitru ma kienx korrett meta kkonkluda li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku rikjest, għaliex f'kull każ hemm l-interess ġuridiku tas-soċjetà GasanMamo Insurance Agency Limited li jilleġittima l-azzjoni*

12. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li bejn is-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited u s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited hemm ftehim ta' aġenzija. L-Arbitru wasal għall-konklużjoni li ladarba s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited hija kumpannija bi preżenza lokali, b'*head office* stabbilit f'Malta, u b'rappreżentanza lokali, din ma kellhiex għalfejn tiġi rappreżentata mill-aġent tagħha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. Il-Qorti taqbel ma' dan għaliex mill-provi jirriżulta li l-preżenza tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited kienet suffiċjenti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. Iżda l-fatt li l-proċeduri ġew proposti wkoll mis-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited, aġenta tas-soċjetà assikurattiva fil-kawża, m'għandux iwassal għall-konklużjoni li din qatt ma setgħet tkun waħda mill-partijiet li jippromwovu din il-kawża. Il-Qorti tqis li f'każijiet bħal dawn, il-preżenza tal-

aġent fil-kawża tikkontribwixxi għall-integrità tal-ġudizzju fil-kawża u għalhekk ċertament li m'għandux jitqies li l-fatt li l-kawża ġiet proposta wkoll mis-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited, li wara kollox hija l-entità li għamlet tajjeb għad-danni sofferti mill-assikurat tas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, għandha b'xi mod tiġi penalizzata. Għal dawn ir-raġuni tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat u qiegħed jiġi milqugħ ukoll.

*Ir-raba' aggravju:* *l-Arbitru mhux korrett jgħid li ma saritx prova tad-danni*

13. Il-Qorti tqis li permezz tal-kawża r-rikorrenti fittxew rimedju partikolari, ċioé l-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mill-assikurat tas-soċjetà rikorrenti GasanMamo Insurance Limited konsegwenza tal-inċident inkwistjoni fl-ammont ta' €566.78. Il-Qorti kkunsidrat li t-Tribunal kellu għad-dispożizzjoni tiegħu stima annessa mas-*survey report* ippreżentat mis-soċjetà intimata stess li tgħid li d-danni sofferti b'konsegwenza tal-inċident jammontaw għal €569.38, kopja ta' ittra mibgħuta mill-avukat difensur tar-rikorrenti lis-soċjetà intimata fis-27 ta' Ġunju, 2017, bi *breakdown* tal-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent Saviour Gatt b'konsegwenza tal-imsemmi incident, fejn ġie speċifikat il-ħlas li sar għax-xogħol manwali, għall-i*spraying,* għall-*parts* u għal-*loss of use*, u l-fatt li waqt l-udjenza tat-23 ta' April, 2018, l-avukat difensur tas-soċjetà intimata ddikjara li l-*quantum* tad-danni pretiżi mhuwiex ikkontestat. Din id-dikjarazzjoni da parti tas-soċjetà intimata kellha tfisser li din qiegħda taċċetta l-*quantum* kif pretiż u għalhekk l-appellanti, rikorrenti

quddiem it-Tribunal, ma kellhom għalfejn iġibu l-ebda prova ulterjuri f'dan ir-rigward. Għalhekk din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat ukoll u qiegħda tilqgħu wkoll.

*Il-ħames aggravju:* *il-kap tal-ispejjeż*

14. L-appellanti talbu lill-Qorti tirrevedi l-kap tal-ispejjeż f'każ li ssib li l-aggravji mqajma minnhom għandhom jintlaqgħu. Il-Qorti ser tkun qiegħda tipprovdi dwar dan fil-parti deċiżiva tal-appell, f'konformità ma' dak li jipprovdi l-artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Is-sitt aggravju:* *dwar id-data minn meta għandhom jiddekorru l-imgħaxijiet*

15. Din il-Qorti tqis li ladarba r-rikorrenti naqsu milli jġibu prova quddiem l-Arbitru dwar id-data meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali bit-talba għall-ħlas tad-danni, u ladarba l-unika prova li kellu l-Arbitru kienet id-data meta ġew notifikati lis-soċjetà appellata l-Avviż u t-Talbiet odjerni, kien korrett l-Arbitru fil-konklużjoni tiegħu fejn iddeċieda li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mit-2 ta' Novembru, 2017, li effettivament hija d-data meta s-soċjetà appellata ġiet notifikata bil-proċeduri arbitrali. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

**1) Tilqa' l-ewwel ħames aggravi tal-appellanti;**

**2) Tikkonferma li s-soċjetà appellata għandha tħallas lil Saviour Gatt proprio l-ammont ta' €55, rappreżentanti l-*excess* imħallas minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, bl-imgħaxijiet legali mit-2 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv;**

**3) Tirrevoka l-kumplament tad-deċiżjoni appellata, u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellanti, fis-sens li tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas is-somma ta' €511.78 lis-soċjetà appellanta GasanMamo Insurance Limited, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq din is-somma b'effett mit-2 ta' Novembru, 2017.**

**4) Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**